# AGĦMA MIT-TWELID

*Ta'* VINCENT CARUANA

X'inhuma jgħidu dawn ta' ma ġenbi?
X'iridu jfissru x'ħin igħidu ġmiel?
Inqatta' moħħi biex nibda nifhem,
U l-jiem ta' ħajti nagħmilhom qliel.

X'inhuma siġar, x'inhuma għasafar?
Hekk nibda naħseb u ma niqafx.
Xi tfissru intom b'dal-kliem li tgħidu?
Aqbdu fehmuni 'l għaliex ma nafx.

Imbagħad fuq kollox xi tridu tfissru
Meta tgħiduli l'intom taraw?
Taraw is-sema, taraw il-kwiekeb,
Taraw il-qamar, x'ikunu daw'?

Jien minn fejn ngħaddi nfittex b'idejja,
Waqt li għalikom dan m'hemmx għalfejn.
Ma nafx kif intom minn kull fejn tgħaddu
Tibqgħu għaddejja u ma tmissu xejn.

Bħal nibda naħseb dil-kelma ġdida
Ħloqtuha intom biex tgħaddu ż-żmien,
Bħal tridu tgħidu li b'daqshekk intom
Wisq iktar aqwa minn dak li jien.

'Mma ġie li nieqaf u nibda naħseb,
U noħroġ għajta: iva, din hi!
Għax inħoss fija xi ħaġa nieqsa,
Għalkemm dil-ħaġa ma nafx x'inhi!